# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fl-4 ta' Settembru 2014[1]

**Kawża C–336/13 P**

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**vs**

**IPK International – World Tourism Marketing Consultants GmbH**

"Appell — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna r-rimbors ta' għajnuna finanzjarja — Annullament tad-deċiżjoni mill-Qorti Ġenerali — Eżekuzzjoni tas-sentenza — Kalkolu ta' interessi fuq is-somma li għandha titħallas lura"

## I – **Introduzzjoni**

1. Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Awwissu 1992, il-Kummissjoni Ewropea tat lil IPK International – World Tourism Marketing Consultants GmbH[2] għajnuna finanzjarja ta' ECU 530 000 għal proġett li jikkonċerna ħolqien ta' database. L-ewwel parti tal-għajnuna finanzjarja, jiġifieri ECU 318 000, tħallset f'Jannar 1993.

2. Peress li l-għajnuna finanzjarja kienet ingħatat b'mod irregolari, il-Kummissjoni annullat, permezz ta' deċiżjoni meħuda fit-13 ta' Mejju 2005[3], id-deċiżjoni ta' għoti u sussegwentement adottat, fl-4 ta' Diċembru 2006, deċiżjoni ta' rkupru li skontha IPK irrimborsat, fil-15 ta' Mejju 2007, is-somma ta' EUR 318 000, flimkien mal-interessi moratorji.

3. Wara li IPK ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2005, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea annullat, permezz tas-sentenza IPK International vs Il-Kummissjoni (T-297/05, EU:T:2011:185), mogħtija fil-15 ta' April 2011[4], din id-deċiżjoni minħabba n-nuqqas ta' osservanza tat-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni legali tal-irregolarità inkwistjoni.

4. Skont din is-sentenza, il-Kummissjoni adottat u nnotifikat lil IPK, permezz ta' ittra tal-14 ta' Ottubru 2011, deċiżjoni[5] li tirrigwarda l-ħlas tas-somma totali ta' EUR 720 579. 90, li minnhom EUR 530 000 jikkorrispondu għall-ammont prinċipali tal-għajnuna finanzjarja, EUR 31 961.63 jirrappreżentaw l-interessi moratorji mħallsa lil IPK u EUR 158 618.27 jikkorrispondu għall-interessi "kumpensatorji", li r-rata tagħhom kienet iffissata mill-Kummissjoni għall-istess rata bħal dik applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew[6] u l-Istitut Monetarju Ewropew, il-predeċessur tal-BĊE, għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 — Iktar 'il quddiem "IPK".
3 — Iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2005".
4 — Iktar 'il quddiem is-"sentenza tal-15 ta' April 2011".
5 — Iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni inkwistjoni".
6 — Iktar 'il quddiem il-"BĊE".

5. Wara li IPK permezz ta' rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2011, ippreżentat rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali, permezz ta' sentenza IPK International vs Il-Kummissjoni (T-671/11, EU:T:2013:163) [7], annullat din id-deċiżjoni sa fejn tillimita l-ammont tal-interessi li għandu jitħallas lil IPK għal EUR 158 618.27.

6. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha quddiemha appell ippreżentat mill-Kummissjoni minn din is-sentenza. Dan l-appell, iqajjem, essenzjalment, il-kwistjoni tan-natura, tar-rata u tat-tul tal-interessi dovuti fuq is-somom li l-Kummisjsoni għandha tħallas jew li għandha tħallas lura lil IPK wara l-annullament tad-deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2005.

7. F'dawn il-konklużjonijiet, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' parzjalment l-appell.

8. Jien ser insostni fil-fatt, li l-Qorti Ġenerali, meta ddeċidiet li l-interessi moratorji kellhom jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-ammont prinċipali tad-dejn inkluż l-interessi kumpensatorji li ddekorrew preċedentement, wettqet żball ta' liġi, fid-dawl tan-natura moratorja u mhux kumpensatorja tal-interessi li ddekorrew preċedentement, li jiġġustifika l-annullament parzjali tas-sentenza appellata.

9. Jien nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja stess tiddeċiedi definittivament fuq din il-kwistjoni billi tiddeċiedi li l-interessi moratorji għandhom jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-ammont prinċipali tad-dejn biss.

## II – **Is-sentenza appellata**

10. Insostenn tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, IPK invokat motiv wieħed maqsum f'żewġ partijiet, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 266 TFUE, billi ssostni li l-Kummissjoni wettqet żbalji ta' liġi, minn naħa, meta ddeterminat ir-rata ta' interessi kumpensatorji, li kellhom jiżdiedu b'żewġ punti fir-rigward tar-rata ta' interessi tal-BĊE għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid u, min-naħa l-oħra, meta naqset li tikkalkola interessi moratorji, peress li dawn kellhom jiddekorru mill-għoti tas-sentenza tal-15 ta' April 2011 u jiġu kkalkolati fuq l-ammont totali tad-dejn, flimkien ma' interessi kumpensatorji.

11. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali laqgħet dan ir-rikors billi sostniet iż-żewġ partijiet tal-motiv invokat minn IPK.

12. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat qabel kollox, fil-punt 34 tas-sentenza appellata, li mis-sentenza tal-15 ta' April 2011 ma kien jirriżulta ebda obbligu għall-Kummissjoni li tirrimborsa l-għajnuna finanzjarja inkwistjoni lil IPK, peress li, f'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kienet ikkonfermat il-konstatazzjonijiet fattwali magħmula fid-deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2005, dwar l-irregolaritajiet imwettqa minn IPK li jiġġustifikaw, fil-prinċipju, li tiġi annullata din l-għajnuna finanzjarja, u kienet sempliċement annullat din id-deċiżjoni minħabba n-nuqqas ta' osservanza mill-Kummissjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni rilevanti. Il-Qorti Ġenerali ddeduċiet minn dawn il-konstatazzjonijiet li d-deċiżjoni kkontestata kienet tikkostitwixxi "l-uniku bażi legali tad-dejn prinċipali inkwisjtoni".

13. Sussegwentement, fir-rigward tal-interessi kumpensatorji, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 36 tas-sentenza appellata, li ġurisprudenza stabbilita [8] kienet irrikonoxxiet, li, irrispettivament mill-isem preċiż tagħhom, dawn l-interessi għandhom dejjem jiġu kkalkolati fuq il-bażi tar-rata ta' interessi tal-BĊE għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid billi din ir-rata tiżdied b'żewġ punti.

7 — Iktar 'il quddiem is-"sentenza kkontestata".

8 — Il-Qorti Ġenerali ċċitat il-punt 64 tas-sentenza Corus UK vs Il-Kummissjoni (T-171/99, EU:T:2001:249), il-punti 130 sa 132 tas-sentenza AFCon Management Consultants *et* vs Il-Kummissjoni (T-160/03, EU:T:2005:107) kif ukoll il-punti 29 u 77 sa 80 tas-sentenza Idromacchine *et* vs Il-Kummissjoni (T-88/09, EU:T:2011:641).

Il-Qorti Ġenerali żiedet li din iż-żieda b'rata fissa kienet applikabbli għall-każijiet kollha, mingħajr ma jkun hemm lok li jiġi kkonstatat konkretament jekk din iż-żieda kinitx iġġustifikata jew le fid-dawl tal-inflazzjoni, matul il-perijodu kkonċernat, fl-Istat Membru li fih il-kreditur kien stabbilit, qabel żiedet, fil-punt 38, li din iż-żieda b'rata fissa nħolqot mill-ħtieġa li jiġi evitat l-arrikkiment indebitu fis-sitwazzjonijiet kollha possibbli.

14. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 39 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni żbaljat meta naqset li ma żżidx ir-rata ta' interessi kumpensatorji.

15. Fl-aħħar nett, għal dak li jikkonċerna l-interessi moratorji, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 41 tas-sentenza appellata, "il-ġurisprudenza stabbilita li rrikonoxxiet l-obbligu inkundizzjonali għall-Kummissjoni li tħallas interessi moratorji, b'mod partikolari fil-każ tal-impenn minnha tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, għall-perijodu wara li tingħata s-sentenza li tikkonstata dan [...], kif ukoll fil-każ tal-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament wara sentenza ta' anullament [...]". Sussegwentement, wara li rrilevat li ebda argument imressaq mill-Kummissjoni ma kien jiġġustifika li jiġi eskluż dan l-"obbligu ta' prinċipju" f'dan il-każ u wara li kkonstatat li, bil-kontra, fis-seduta, din l-istituzzjoni kienet ammettiet li hija d-debitriċi ta' interessi moratorji dovuti mill-għoti tas-sentenza tal-15 ta' April 2001, punt li kien ġie speċifikat fil-proċess verbal, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li interessi moratorji li ddekorrew kellhom jitħallsu fuq l-ammont prinċipali dovut, kif rikonoxxut fid-deċiżjoni inkwistjoni, fid-dawl tal-ftehim komuni tal-partijiet fuq dan il-punt, mill-15 ta' April 2011, "u dan irrispettivament mill-fatt li l-imsemmija deċiżjoni tikkostitwixxi l-uniku bażi legali tad-dejn prinċpali inkwistjoni".

16. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat, fil-punt 42 tas-sentenza appellata, li l-interessi moratorji għandhom jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-ammont prinċipali dovut, flimkien mal-interessi kumpensatorji li ddekorrew preċedentement, peress li, "għalkemm il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali ma tawtorizzax, fil-prinċipju, kapitalizzazzjoni la ta' interessi kumpensatorji li ddekorrew qabel, u lanqas interessi moratorji li ddekorrew wara l-għoti tas-sentenza li tirrikonoxxi l-eżistenza ta' debitu, il-Qorti Ġenerali madankollu tordna li l-interessi moratorji li jiddekorru sakemm isir il-ħlas komplet jiġu ffissati fuq il-bażi tal-ammont prinċipali tad-dejn flimkien mal-interessi kumpensatorji li ddekorrew preċedentement". Il-Qorti Ġenerali żiedet li "[d]an l-approċċ għaldaqstant jiddistingwi l-interessi kumpensatorji ta' natura prekontenzjuża mill-interessi moratorji ta' natura postkontenzjuża, peress li dawn tal-aħħar għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni t-totalità tat-telf finanzjarju akkumulat, inkluż minħabba l-inflazzjoni."

## III – **L-appell**

17. Il-Kummissjoni titlob li s-sentenza appellata tiġi annullata u li IPK tiġi kkundannata għall-ispejjeż li hija sostniet.

18. IPK titlob li dan l-appell jiġi miċħud u li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

### A – *L-aggravji u l-argumenti tal-partijiet*

19. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali li naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li l-interessi kumpensatorji jservu sabiex jikkumpensaw għall-inflazzjoni.

20. Skont il-Kummissjoni, mis-sentenza Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-104/89 u C-37/90, EU:C:2000:38, punt 214) kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali li tirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenza Agraz *et* vs Il-Kummissjoni (T-285/03, EU:T:2008:526, punt 50) jirriżulta li l-interessi kumpensatorji huma intiżi li jikkumpensaw għat-telf li jirriżulta mill-inflazzjoni minn meta jimmaterjalizza d-dannu, b'tali mod li għandhom jikkorrispondu għar-rata ta' inflazzjoni realment ikkonstatata, matul il-perijodu kkunsidrat, fl-Istat Membru fejn hija stabbilita l-kumpannija kkonċernata.

21. IPK tirrispondi li l-Qorti Ġenerali rreferiet espliċitament għall-inflazzjoni billi qieset li din kellha tiġi kkumpensata permezz tal-interessi kumpensatorji, li r-rata ta' inflazzjoni annwali kkonsatata, għall-perijodu kkonċernat, mill-Eurostsat fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-kreditur ittieħdet inkunsiderazzjoni biss sabiex tiġi kkonstatata r-realtà attwali ta' deprezzament monetarju u li dan id-deprezzament monetarju ma jikkostitwixxix l-uniku parametru ta' kalkolu tal-interessi kumpensatorji.

22. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali kkontradixxiet il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja meta naqset milli tiddistingwi bejn l-interessi kumpensatorji u l-interessi moratorji. Filwaqt li l-interessi kumpensatorji huma esklużivament intiżi sabiex jikkumpensaw għat-telf ta' valur tal-patrimonju tal-kreditur minħabba l-inflazzjoni, l-għan tal-interessi moratorji huwa wkoll li jinkoraġġixxi d-debitur li jħallas id-dejn tiegħu malajr kemm jista' jkun, b'tali mod li jkunu ġeneralment iktar għoljin mill-interessi kumpensatorji. Konsegwentement, billi ffissat b'rata fissa fl-istess livell dawn iż-żewġ tipi ta' interessi fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni din id-distinzjoni.

23. IPK tirrispondi li dan l-aggravju, b'kontradizzjoni mat-tielet aggravju, jonqos milli jirrikonoxxi d-differenza materjali ta' kalkolu taż-żewġ kategoriji ta' interessi, peress li l-interessi moratorji kienu kkalkolati mhux biss fuq il-bażi tad-dejn prinċipali, iżda wkoll fuq dak ta' din is-somma flimkien mal-interessi kumpensatorji li ddekorrew.

24. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi meta kkapitalizzat l-interessi kumpensatorji u meta kkalkolat l-interessi moratorji mill-15 ta' April 2011.

25. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni, li tiffoka l-iżviluppi tagħha fuq l-interessi moratorji, issostni li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx timponilha retroattivament il-ħlas ta' interessi mill-għoti tas-sentenza tal-15 ta' April 2011, li ma kinitx tinkludi kundanna għall-ħlas ta' tali interessi. Barra minn hekk, hija tikkritika l-inkoerenza li kienet wettqet il-Qorti Ġenerali meta ordnat li l-interessi moratorji għandhom jiddekorru mill-15 ta' April 2011 filwaqt li ddeċidiet li l-obbligu ta' rimbors kien jirriżulta esklużivament mid-deċiżjoni inkwistjoni.

26. IPK tqis li l-uniku għan tas-sentenza tal-15 ta' April 2011 kien l-eżami tal-legalita tad-deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2005 u li l-fatt li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx il-konsegwenzi legali li jirriżultaw mis-sentenza tagħha ma jeżentax lill-Kummissjoni mill-obbligu tagħha li tħallas l-interessi kemm moratorji kif ukoll kumpensatorji. Rigward b'mod iktar partikolari l-interessi moratorji, IPK issostni li l-Kummissjoni ammettiet fid-deċiżjoni inkwistjoni li dan l-obbligu kien jirriżulta mill-Artikolu 266 TFUE u, barra minn hekk, irrikonoxxiet waqt is-seduta quddiem il-Qorti Ġenerali li hija kienet meħtieġa tħallas dawn l-interessi mill-15 ta' April 2011. Skont IPK, dawn l-interessi għandhom jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-ammont tad-dejn prinċipali flimkien mal-interessi kumpensatorji.

27. Permezz tar-raba' aggravju tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lill-Qorti Ġenerali, fil-punti 34 u 44 tas-sentenza kkontestata, li wettqet żball ta' liġi, li interpretat b'mod żbaljat id-deċiżjoni inkwistjoni kif ukoll is-sentenza mogħtija fil-Kawża T-297/05 u li żnaturat il-fatti.

28. F'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali qieset b'mod partikolari li d-deċiżjoni inkwistjoni kienet tikkostitwixxi l-uniku bażi legali tad-dejn prinċipali inkwistjoni u li, għaldaqstant, ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni kinitx kisret l-Artikolu 266 TFUE, u b'hekk naqset milli tislet il-konsegwenzi kollha li kienu jirriżultaw mill-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-15 ta' April 2011.

29. Issa, skont il-Kummissjoni, din il-motivazzjoni hija vvizzjata minn żball ta' liġi, peress li wara l-annullament tad-deċiżjoni inkwistjoni, id-deċiżjoni ta' għoti inizjali "reġgħet tqajmet". Barra minn hekk, hija kuntrarja kemm għad-deċiżjoni inkwistjoni, li kienet espressament ibbażat fuq l-Artikolu 266 TFUE, kif ukoll għas-sentenza tal-15 ta' April 2011, li tannulla d-deċiżjoni inkwistjoni minħabba l-preskrizzjoni, mingħajr ma tiddikjara d-deċiżjoni ta' għoti inizjali ineżistenti.

30. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-Qorti Ġenerali żbaljat li ma bbażatx ruħha fuq l-Artikolu 266 TFUE, IPK tqis li dan l-iżball ta' liġi ma għandux effett fuq il-kalkolu tal-interessi sa fejn, għalkemm dan l-artikolu jikkostitwixxi l-bażi legali tad-deċiżjoni inkwistjoni, minn dan ma jirriżultax, għalhekk, li l-Qorti Ġenerali kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-aġir doluż tal-kreditur għall-kalkolu tal-interessi.

31. Permezz tal-ħames aggravju tagħha, il-Kummissjoni tqis li l-motivazzjoni tas-sentenza li tikkonċerna r-rata ta' interessi kumpensatorji u l-bidu tad-dekorrenza ta' interessi moratorji hija insuffiċjenti u kontradittorja. Hija insuffiċjenti peress li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx l-argumenti tal-Kummissjoni. Hija kontradittorja peress li l-Qorti Ġenerali kkonstatat, minn naħa, li d-deċiżjoni inkwistjoni kienet tikkostitwixxi l-uniku bażi legali tal-ħlas u, min-naħa l-oħra, li l-interessi kienu dovuti mis-sentenza tal-15 ta' April 2011.

32. IPK tqis, min-naħa tagħha, li l-motivazzjoni tas-sentenza appellata hija ċara u eżatta, li ma tinkludi ebda kontradizzjoni u li l-Qorti Ġenerali eżaminat l-argumenti tal-Kummissjoni.

33. Permezz tas-sitt aggravju tagħha, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji li jirregolaw l-arrikkiment indebitu sa fejn, peress li l-Unjoni tiġbor attwalment fuq is-somom miġbura b'mod provviżorju biss rata ta' interessi ta' 0.25 %, l-applikazzjoni tar-rata ta' finanzjament mill-ġdid flimkien ma' żewġ punt teċċedi t-telf effettiv tal-kreditu minħabba l-inflazzjoni u l-arrikkiment effettiv tal-Kummissjoni. Hija żżid li l-Qorti Ġenerali qalbet il-perspettiva meta invokat arrikkiment tad-debitur minflok għamlet riċerka fuq jekk il-kreditur ġarrabx telf. Fil-fehma tagħha, is-soluzzjoni adottata fis-sentenza appellata twassal sabiex jingħata vantaġġ finanzjarju lil kreditur li huwa, għaldaqstant, rikonoxxut li aġixxa b'*mala fede*.

34. IPK tqis li r-rata ta' interessi miġbura attwalment mill-Unjoni fuq il-multi miġbura provviżorjament hija mingħajr importanza u li, jekk jiġi preżunt li din ir-rata hija kruċjali, il-Kummissjoni kellha tindika liema interessi hija kienet irċeviet matul il-perijodu kkonċernat.

B – *L-evalwazzjoni tiegħi*

35. Mal-ewwel daqqa t'għajn, il-kwistjoni ta' interessi tidher bħala problema teknika u relattivament sekondarja, li ma hijiex suġġetta għal analiżi ġenerali jew għal kwalunkwe tentattiv ta' kunċettwalizzazzjoni. Madankollu hija għandha importanza prattika sa fejn l-ammont tal-interessi, lil hinn milli tkun purament simbolika, tista' xi drabi tkun ugwali, jew teċċedi, dik tad-dejn prinċipali[9]. Il-konsegwenzi jistgħu għaldaqstant ikunu kunsiderevoli.

9 — Ara, għal studju ġenerali, Van Casteren, A., "Article 215(2) EC and the question of interest", *The action for damages in Community law*, Kluwer Law International, Heukels, T. u McDonnell, A., La Haye, 1997, p. 199 sa 216. Ara, ukoll, għar-regoli applikabbli fid-dritt Internazzjonali u għal paragun tas-sistemi ġuridiċi nazzjonali, Kleiner, C., "Les intérêts de somme d'argent en droit international privé, ou l'imbroglio entre la procédure et le fond", *Revue critique de droit international privé* Dalloz, Paris, Vol. 98, Nru 4, 2009, p. 639 sa 683.

36. L-assenza, sa ftit ilu, ta' leġiżlazzjoni dwar l-interessi fid-dritt tal-Unjoni wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiżviluppa gradwalment soluzzjonijiet ġudizzjarji li, għalkemm huma jidhru li huma stabbiliti sew fir-rigward tar-rikonoxximent tal-prinċipju tad-dritt għall-interessi, ikomplu, madankollu, iħallu ċertu ammont ta' misteru rigward il-bażi ta' dan id-dritt u l-implementazzjoni tiegħu.

37. L-eżami ta' dan l-appell joffri għaldaqstant l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja li tippreċiża d-dottrina tagħha fuq dan il-punt fil-kuntest speċifiku tal-implementazzjoni ta' miżuri li jinkludu l-eżekuzzjoni ta' sentenza għal annullament.

38. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ispirat ruħha mis-soluzzjonijiet identifikati mill-ġurisprudenza għad-determinazzjoni tal-interessi dovuti skont sentenza li tirrigwarda annullament jew tnaqqis ta' multa imposta fuq impriża għal ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni tal-Unjoni.

39. Il-Qorti Ġenerali rreferiet, madankollu, ukoll għas-sentenzi mogħtija fil-qasam ta' kawżi għad-danni mressqa fil-kuntest ġenerali tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni jew fil-kuntest speċifiku tat-tilwim tas-Servizz Pubbliku Komunitarju. Fil-fatt, huwa f'dan il-qasam li l-parti l-kbira tas-sentenzi li fihom il-qorti tal-Unjoni kienet meħtieġa li tiddeċiedi fuq il-kalkolu tal-interessi huma kkonċentrati.

40. Billi tirreferi indistintament għas-sentenzi mogħtija f'dawn iż-żewġ oqsma differenti, is-sentenza appellata tixhed għaldaqstant approċċ varju li l-fondatezza tiegħu għandha tiġi mistoqsija billi jiġi eżaminat jekk jeżistux differenzi irrikonċiljabbli li jipprevjenu milli tinħoloq sistema unika.

41. Jien ser nibda għaldaqstant billi neżamina sentenzi, l-iktar numerużi, mogħtija fil-qasam tal-kawżi għad-danni, qabel neżamina d-deċiżjonijiet, li jikkonċernaw l-interessi dovuti skont sentenza li tirrigwarda annullament jew tnaqqis ta' multa, u sussegwentement ser nipprova, fid-dawl ta' dawn is-sentenzi kollha, nidentifika sinteżi li fuq il-bażi tagħha ser neżamina d-differenti aggravji.

1. L-interessi dovuti fuq id-djun kumpensatorji

42. Mill-analiżi tas-sentenzi mogħtija fil-qasam tal-kawżi għad-danni, jirriżulta li l-ġurisprudenza ħadet b'mod ċar pożizzjoni fuq il-prinċipju ta' distinzjoni bejn l-interessi kumpensatorji u l-interessi moratorji u l-konsegwenti prinċipali li jirriżultaw minnhom, iżda għad hemm inċertezzi li jirriżultaw minn eżitazzjonijiet li joħolqu tħassib rigward ir-realtà ta' din id-distinzjoni kif ukoll rigward l-eżistenza ta' sistema ġenwina koerenti.

43. Ser nitraċċa dawn l-iżviluppi billi qabel kollox neżamina l-prinċipju stess tad-distinzjoni qabel neżamina liema trattament il-ġurisprudenza tirriżerva għall-interessi kumpensatorji, u sussegwentement dak għall-interessi moratorji.

44. Waħda mill-ewwel kawżi li minnha toriġina d-distinzjoni bejn l-interessi kumpensatorji u l-interessi moratorji qajmet il-kwistjoni sa liema punt uffiċjali seta' jikseb interessi fuq allowances u għotjiet li huwa seta' jitlob wara l-annullament tad-deċiżjoni li tirrifjuta r-riżenja tiegħu. Ir-risposta negattiva mogħtija fis-sentenza Campolongo vs L-Awtorità Għolja (27/59 u 39/59, EU:C:1960:35) tiddistingwi l-interessi moratorji, iddefiniti bħala dawk li "jikkostitwixxu fil-prinċipju l-evalwazzjoni u d-determinazzjoni legali tad-dannu subit minħabba d-dewmien tal-eżekuzzjoni ta' obbligu, dewmien li għandu jiġi kkonstatat minn intimazzjoni preċedenti" [10], u l-interessi kumpensatorji, li "jirriżultaw minħabba danni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligu mingħajr intimazzjoni preċedenti" u li l-"impożizzjoni tagħhom teżiġi dannu" [11]. Skont din is-sentenza, it-talba għal interessi kellha tiġi miċħud, iżda għal raġunijiet differenti skont jekk hija kinitx tirrigwarda interessi moratorji jew

10 — Ara p. 826.
11 — Ara p. 827.

kumpensatorji. Fl-ewwel ipoteżi, iċ-ċaħda kienet imposta minħabba n-"nuqqas ta' kwalunkwe determinazzjoni legali" tal-interessi moratorji fid-dritt Komunitarju[12], filwaqt li t-tieni ipoteżi, kienet l-assenza ta' prova jew ukoll is-sempliċi allegazzjoni ta' dannu li wasslet għaċ-ċaħda tat-talba għal interessi kumpensatorji.

45. Wara li tat diversi sentenzi li fihom hija siltet il-konsegwenzi proċedurali tad-distinzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-prinċipju tal-inammissibbiltà tat-talbiet il-ġodda[13], il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et* (C-136/92 P, EU:C:1994:211), mogħtija f'kawża li kienet tikkonċerna l-kumpens għad-dannu subit minn uffiċjali jew membri tal-persunal tal-Unjoni waqt il-kalkolu tal-arretrati tar-remunerazzjoni, sostniet mill-ġdid il-prinċipju ta' din id-distinzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li hija stess kellha tiddistingwi dawn iż-żewġ kategoriji ta' interessi, b'mod partikolari sabiex tiddeċiedi, minħabba elementi ta' proċedura speċifiċi għal kull kawża li tressqet quddiemha, li t-talbiet li jirrigwardaw l-interessi kumpensatorji ma kinux ammissibbli, filwaqt li dawk li jirrigwardaw l-interessi moratorji kienu ammissibbli iżda mhux fondati[14]. Hija kkonkludiet li f'dawn iċ-ċirkustanzi ma kienx possibbli li jitqies li d-distinzjoni ma kinitx toriġina mill-ġurisprudenza ma kellhiex bażi fil-ġurisprudenza[15].

46. B'mod li barra minn hekk sar klassiku, is-sentenza Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (EU:C:2000:38), mogħtija fil-kuntest ta' rikors għad-danni, iddikjarat mill-ġdid regola li "għandha ssir distinzjoni bejn l-intessi moratorji u l-interessi kumpensatorji"[16], li minnha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrigwarda l-interessi moratorji ma setax ikollha effett fuq id-deċiżjoni li għandha tingħata fuq interessi kumpensatorji.

47. Ir-risposta mogħtija f'dawn is-sentenzi għandha għaldaqstant valur ta' prinċipju. Barra minn hekk, id-definizzjonijiet mogħtija fis-sentenza Campologno vs L-Awtorità Għolja (EU:C:1960:35) u Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (EU:C:2000:38) ipprovdew indikazzjonijiet fuq id-distinzjoni bejn l-interessi kumpensatorji u l-interessi moratorji.

48. Ser neżamina suċċessivament iż-żewġ kategoriji ta' interessi, billi nibda mill-interessi kumpensatorji.

a) L-interessi kumpensatorji

49. Fir-rikors għad-danni, l-għan tal-interessi kumpensatorji huwa prinċipalment sabiex jiġi kkumpensat id-dannu kkawżat mill-inflazzjoni wara l-avveniment li jikkawża d-dannu. Dawn l-interessi jikkostitwixxu għaldaqstant strument ta' evalwazzjoni mill-ġdid tad-dannu li jippermetti li jinħeles l-obbligu tad-debitur mill-varjazzjonijiet monetarji, billi jagħmlu parallel għal dejn ta' valur. L-allokazzjoni tagħhom tirrifletti l-idea li, meta d-dannu huwa kkalkolat skont l-informazzjoni li tirrigwarda ż-żmien meta seħħ l-avveniment, l-espressjoni monetarja tagħhom għandha tiġi aġġornata għad-data tad-determinazzjoni ġudizzjarja.

12 — *Idem.*

13 — Sentenzi Roumengous Carpentier vs Il-Kummissjoni (158/79, EU:C:1985:2, punti 8 sa 14); Amesz *et* vs Il-Kummissjoni (532/79, EU:C:1985:3, punti 11 sa 17); Battaglia vs Il-Kummissjoni (737/79, EU:C:1985:4, punti 6 sa 13); Amman *et* vs Il-Kunsill (174/83, EU:C:1985:288, punt 13); sentenza Culmsee *et* vs CES (175/83, EU:C:1985:289, punt 13); u Allo *et* vs Il-Kummissjoni (176/83, EU:C:1985:290, punt 19).

14 — Punt 35.

15 — *Idem.*

16 — Punt 55.

50. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li t-tifsira ta' interessi kumpensatorji tkopri fir-realtà b'mod iktar ġenerali l-konsegwenzi kollha sfavorevoli li jirriżultaw mit-tul ta' ż-żmien li għadda bejn is-seħħ tal-fatt dannuż u d-data tal-evalwazzjoni tiegħu mill-qorti. Taħt dan it-terminu, jistgħu għaldaqstant jinġabru wkoll id-dannu finanzjarju marbut mal-indisponibbiltà ta' profitti minn attività ta' produzzjoni[17] jew dak li jikkorrispondi għat-telf ta' interessi subit minħabba l-fatt li setax jitqiegħed l-ammont dovut fil-bank[18].

51. Jikkostitwixxu komponent tad-dannu, l-interessi kumpensatorji għandhom naturalment il-bażi tagħhom fil-prinċipji li jirregolaw il-kumpens għad-dannu fil-kuntest tar-responsabbiltà extra-kuntrattwali tal-Unjoni. Skont il-prinċipju tal-kumpens integrali għad-dannu subit, il-kumpens "għandu bħala għan li jagħti lura kemm jista' jkun il-patrimonju tal-vittma [...]. Minn dan isegwi li għandha [...] tittieħed inkunsiderazzjoni l-inflazzjoni wara l-avveniment dannuż"[19].

52. Il-funzjoni kumpensatorja tal-interessi kumpensatorji għandha barra minn hekk żewġ konsegwenzi essenzjali.

53. L-ewwel nett, hija tispjega li l-Qorti tal-Ġustizzja ssuġġettat l-għoti tal-interessi għall-kundizzjonijiet tradizzjonali għall-invokazzjoni tar-responsabbiltà extra-kuntrattwali tal-Unjoni. Billi tirreferi għal ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li "jeħtieġ li rikorrent jissodisfa l-kundizzjonijiet tar-responsabbiltá extra-kuntrattwali sabiex ikun jista' jitlob l-allokazzjoni ta' interessi kumpensatorji"[20]. Hija speċifikat, madankollu, li l-kumpens għad-dannu fil-kuntest tar-responsabbiltà extra-kuntrattwali "għandu bħala għan li jagħti lura kemm jista' jkun il-patrimonju tal-vittma"[21] u li, "[k]onsegwentement, peress li huma ssodisfatti l-kundizzjonijiet tar-responsabbiltá extra-kuntrattwali, il-konsegwenzi sfavorevoli li jirriżultaw mit-tul ta' żmien li għadda bejn is-seħħ tal-fatt dannuż u d-data tal-ħlas tal-kumpens ma jistgħux jiġu injorati [...], sa fejn hemm lok li tittieħed inkunsiderazzjoni l-inflazzjoni"[22].

54. It-tieni nett, in-natura kumpensatorja tal-interessi kumpensatorji tispjega li dawn huma, bħala regola ġenerali, ikkalkolati skont id-dannu realment subit mir-rikorrenti, għaldaqstant tieħu inkunsiderazzjoni r-rata ta' inflazzjoni matul il-perijodu rilevanti. Dan il-prinċipju jidher li huwa stabbilit, għalkemm l-applikazzjoni konkreta tiegħu tagħti lok għal soluzzjonijiet li jistgħu jvarjaw.

55. Il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja turi, fil-fatt li din tikkalkola, bħala regola ġenerali[23], l-ammont tal-interessi billi tirreferi għar-rata ta' inflazzjoni, għalkemm din ir-rata titqies bħala bidu tad-dekorrenza li l-qorti tidher li tista' titbiegħed minnha fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali tagħha tal-ammont tad-dannu. Għalhekk, fis-sentenza Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (EU:C:2000:38) mogħtija fil-Kawżi magħquda C-104/89 u C-37/90, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fil-kuntest tal-ewwel kawża, li r-rikorrenti kienu intitolati li jitolbu l-interessi li "jikkorrispondu għar-rata tal-inflazzjoni għall-perijodu mid-data tas-seħħ tad-dannu sa dik meta tingħata s-sentenza interlokutorja"[24] u, konsegwentement żiedet għall-kumpens interessi bir-rata ta' 1.85 % li tikkorrispondi għad-data tal-Eurostat u għall-informazzjoni tal-esperti, wara li, barra minn

17 — Ara s-sentenza Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (EU:C:2000:38, punti 43 u 214).

18 — Ara s-sentenza Berti vs Il-Kummissjoni (131/81, EU:C:1985:72, punt16).

19 — Ara s-sentenza Grifoni vs Il-Kummissjoni (C-308/87, EU:C:1994:38, punt 40).

20 — Ara s-sentenza Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (EU:C:2000:38, punt 50).

21 — *Ibidem* (punt 51).

22 — *Idem.*

23 — F'dan il-kuntest, is-sentenza Grifoni vs Il-Kummissjoni (EU:C:1990:134) li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja allokat, mingħajr spjegazzjoni speċifika, somma "f'daqqa" sabiex tieħu inkunsiderazzjoni d-deprezzament monetarju matul tmien snin, tidher bħala eċċezzjoni..

24 — Punt 220.

hekk, irrilevat li tali rata kienet tidher "raġonevoli u ekonomikament xierqa"[25]. Hija kkonstatat, fit-tieni kawża, li, skont ir-rapport tal-espert, ir-rata medja ta' inflazzjoni kienet ta' 1.2 % matul l-perijodu kkunsidrat u ddeċidiet, sa fejn dan kien jidher "raġonevoli u xieraq", li żżied għall-kumpens dovut interessi kumpensatorji bir-rata ta' 1.5 %[26].

56. Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali kompliet issegwi, inizjalment, dawn is-soluzzjonijiet.

57. Għalhekk, fis-sentenza Camar vs Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni (T-260/97, EU:T:2005:283), il-Qorti Ġenerali qieset li l-inflazzjoni kellha tittieħed inkunsiderazzjoni għal fini ta' kalkolu tal-kumpens dovut lil kumpannija stabbilita fl-Italja "skont indizji uffiċjali redatti għal [dan l-Istat], mill-organu nazzjonali kompetenti, mill-jum tas-seħħ tad-dannu"[27].

58. Is-sentenza Agraz *et* vs Il-Kummissjoni (EU:T:2008:526) tikkostitwixxi illustrazzjoni oħra partikolarment topika tal-prinċipji ġurisprudenzjali li jirregolaw d-determinazzjoni tal-interessi kumpensatorji. Għalhekk din kellha tiddetermina r-rata ta' interessi kumpensatorji dovuti mill-Kummissjoni fuq kumpens li jikkorrispondi għal żieda tal-ammont ta' għajnuna għall-produzzjoni, li kienet ġiet ikkalkolata inkorrettament. Filwaqt li 84 kumpannija rikorrenti kienu waslu għal ftehim fuq dan il-punt mal-Kummissjoni, li tiġi ffissata r-rata ta' interessi kumpensatorji fuq il-bażi tar-rata ffissata mill-BĊE għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, flimkien ma' żewġ punti, tliet kumpanniji oħrajn ma waslux għal ftehim mal-Kummissjoni għalkemm huma talbu l-applikazzjoni ta' rata ta' interessi identika. Il-Qorti Ġenerali finalment ċaħdet it-talba tagħhom u ddeċidiet li l-inflazzjoni kienet "riflessa mir-rata ta' inflazzjoni annwali kkonstata, għall-perijodu kkonċernat, mill-Eurostat [...] fl-Istat Membru li fih [kienu] stabbiliti [l-]kumpanniji [kkonċernati]"[28]. Ir-raġunijiet tas-sentenza li jeskludu l-motiv tas-sentenza li jikkonċerna l-eżistenza ta' trattament diskriminatorju bejn il-kumpanniji li waslu għal ftehim u l-oħrajn huma partikolarment informattivi. Il-Qorti Ġenerali tirrileva fil-fatt li l-ewwel jinsabu f'sitwazzjoni differenti mit-tieni, "peress li ebda element ma juri li huma kienu soffrew telf fid-dħul li jirriżulta mill-fatt li huma setgħu jinvestu s-somom inkwistjoni"[29]. Din is-sentenza għaldaqstant tenfasizza l-fatt li l-iffissar tar-rata ta' interessi kumpensatorji għar-rata ffissata mill-BĊE għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, flimkien ma' żewġ punti, huwa ġġustifikat biss meta d-dannu subit ma huwiex limitat għat-telf ta' kapaċità ta' akkwist marbut mal-inflazzjoni, iżda jinkludi wkoll telf ta' dħul addizzjonali li jirriżulta mill-impossibbiltà li jiġu investiti s-somom dovuti.

59. Is-sentenza Idromacchine *et* vs Il-Kummissjoni (EU:T:2011:641), li hija ċċitata estensivament mis-sentenza appellata, filwaqt li tiddikjara l-istess prinċipju, madankollu siltet konsegwenza differenti. Wara li affermat mill-ġdid il-prinċipju li jipprovdi li l-inflazzjoni "hija riflessa mir-rata ta' inflazzjoni annwali kkonstatata, għall-perijodu kkonċernat, mill-Eurostat [...] fl-Istat Membru fejn huma stabbiliti [l-]kumpanniji [kkonċernati]"[30], il-Qorti Ġenerali wasslet, fil-punt sussegwenti[31], permezz ta' raġunament apparentement deduttiv, għall-konklużjoni li l-Kummissjoni għandha tħallas interessi kumpensatorji "bir-rata ffissata mill-BĊE għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, applikabbli matul il-perijodu kkonċernat, flimkien ma' żewġ punti".

60. Il-ġustifikazzjoni ta' tali soluzzjoni ma hijiex intrinsikament ovvja. Għandu jiġi kkonstatat li hemm link nieqes fir-raġunament, jiġifieri l-konstatazzjoni li r-rata ffissata mill-BĊE għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, flimkien ma' żewġ punti, kienet tirrifletti, għall-perijodu kkonċernat, ir-rata ta' inflazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li

25 — Punt 221.
26 — Punt 352.
27 — Punt 139.
28 — Punt 50.
29 — Punt 52.
30 — Punt 77.
31 — Punt 78.

r-rata ffissata mill-BĊE għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid tikkostitwixxi strument tal-politika monetarja tal-BĊE billi tippermetti lil din l-istituzzjoni li tinfluwenza r-rata ta' interessi u fuq il-likwidità bankarja. Ma jistax, fi kwalunkwe każ, jiġi pperċepit bħala r-rifless tar-rata medja ta' inflazzjoni fl-Unjoni jew fiż-żona Euro.

61. L-analiżi tas-soluzzjonijiet identifikati għas-sistema ta' interessi moratorji tiżvela inċertezzi simili.

b) L-interessi moratorji

62. Wara li inizjalment irrifjutat l-għoti ta' interessi moratorji minħabba n-"nuqqas ta' kwalunkwe determinazzjoni legali [ta' tali interessi] fid-dritt Komunitarju" [32], il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement affermat, apparti minn kull bażi testwali, in-natura "ammissibbli" tat-"talba għal interessi" [33] billi bbażat ruħha fuq il-prinċipji ġenerali komuni għad-drittijiet tal-Istati Membri, li rrefera għalihom espressament it-tieni paragrafu tal-Artikolu 215 tat-Trattat KEE, li sar it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TKE u sussegwentement it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE [34].

63. Dan il-prinċipju, identifikat minn eżami komparattiv tal-prinċipji fis-seħħ fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, issa għandu, tal-inqas għad-djun tal-Unjoni fir-rigward ta' kull debitur , l-bażi testwali tiegħu fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002, li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjaru li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [35], u iktar preċiżament fl-Artikolu 86 ta' dan ir-regolament, li jipprovdi li kull dejn li għandu bħala fatt ġeneratur suq pubbliku ta' fornituri u ta' servizzi msemmija fit-Titolu V tal-imsemmi regolament għandu jkollu interessi moratorji li r-rata tagħhom tikkorrispondi għal dik applikata mill-BĊE għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament ġdid flimkien ma' 3.5 punti ta' perċentwali [36].

32 — Sentenza Campolongo vs Awtoritá Gholja (EU:C:1960:35, Ġabra p. 826 u 827).

33 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ma kkwalifikatx dawn l-interessi bħala "moratorji".

34 — Sentenzi DGV *et* vs KEE (241/78, 242/78 u 245/78 sa 250/78, EU:C:1979:227, punt 22); Dumortier *et* vs Il-Kunsill (64/76, 113/76, 167/78, 239/78, 27/79, 28/79 u 45/79, EU:C:1979:223, punt 25); Ireks-Arkady vs KEE (238/78, EU:C:1979:226, punt 20); Interquell Stärke-Chemie u Diamalt vs KEE (261/78 u 262/78, EU:C:1979:22, punt 23); Pauls Agriculture vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (256/81, EU:C:1983:138, punt 17); Birra Wührer *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (256/80, 257/80, 265/80, 267/80, 5/81, 51/81 u 282/82, EU:C:1984:341, punt 37); u Sofrimport vs Il-Kummissjoni (C-152/88, EU:C:1990:259, punt 32). Ara, ukoll, is-sentenza Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (T-351/03, EU:T:2007:212, punt 340).

35 — ĠU L 357, p. 1. Dan ir-regolament daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003.

36 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza SGL Carbon vs Il-Kummissjoni (T-68/04, EU:T:2008:414, punt 145).

64. Skont it-termini ta' ġurisprudenza stabbilita, li tibbaża fuq l-idea li ma huwiex possibbli li jiġu kkalkolati interessi moratorji fuq dejn li l-ammont tiegħu ma huwiex magħruf, l-obbligu li jitħallsu interessi moratorji jista' jeżisti biss fil-każ fejn id-dejn prinċipali huwa "ċert rigward l-ammont tiegħu jew tal-inqas determinabbli fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi stabbiliti" [37].

65. Minn dan jirriżulta li l-ammont tal-kumpens dovut għandu jkun suġġett għall-interessi moratorji b'effett mid-data li fiha tingħata s-sentenza li tikkonstata l-obbligu li jiġi kkumpensat id-dannu [38].

66. Din id-data tikkorrispondi, fil-maġġoranza tal-każijiet, għal dik tad-dokumenti li jikkonstata d-dritt għal dejn. Għaldaqstant, talba għal interessi moratorji fuq l-ispejjeż tista' tiddekorri mid-digriet li jiffissahom [39].

67. Madankollu, jekk id-dejn prinċipali, fid-data li tingħata s-sentenza, la huwa ċert u lanqas determinabbli, l-interessi moratorji ma jistgħux jiddekorru mid-data li tingħata s-sentenza li tirrigwarda l-kalkolu tad-dannu [40].

68. F'dan l-istadju għandha ssir kjarifika importanti. Is-soluzzjoni li esponejt, li tipprovdi li l-interessi jiddekorru mis-sentenza li tikkonstata l-obbligu li għandu jiġi kkumpensat d-dannu jew li tirrigwarda l-kalkolu tad-dannu, tapplika biss, b'ipoteżi, għall-kawżi tad-dannu, ikkaratterizzat mill-assenza ta' determinazzjoni preċedenti tal-quantum tad-dejn prinċipali, li huwa neċessarjament iffissat mill-qorti. Barra minn hekk, meta d-dejn prinċipali huwa preċedentement iddeterminat rigward l-ammont tiegħu, il-ġurisprudenza tiddeċiedi, fil-maġġoranza tal-każijiet, li l-interessi moratorji jiddekorru mid-data li fihom id-debitur ġie intimat sabiex jissodisfa l-obbligu tiegħu [41]. Għaldaqstant, fit-tilwim

37 — Ara s-sentenzi Amman et vs Il-Kunsill (174/83, EU:C:1986:339, punti 19 u 20); Culmsee *et* vs CES (175/83, EU:C:1986:340, punt 19 u 20); Allo *et* vs Il-Kummissjoni (176/83, EU:C:1986:341, punti 19 u 20); Agostini et vs Il-Kummissjoni (233/83, EU:C:1986:342, punti 19 u 20); Ambrosetti *et* vs Il-Kummissjoni (247/83, EU:C:1986:343, punti 19 u 20), Delhez *et* vs Il-Kummissjoni (264/83, EU:C:1986:344, punti 20 u 21); dawn is-sitt kawżi kienu jikkonċernaw talbiet li kienu tressqu minn uffiċjali Komunitarji sabiex jiksbu il-ħlas ta' interessi moratorji fuq salarji arretrati dovuti wara l-adozzjoni, skont sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tannulla regolament preċedenti, ta' regolament li jirrigwarda aġġustament tar-remunerazzjonijiet u tal-koeffiċjenti korrettivi, b'effett retroattiv; il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li dejn ċert jew determinabbli kien stabbilit biss permezz tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament tal-aħħar, għaliex, peress li l-Kunsill igawdi minn setgħa diskrezzjonali, ebda ċertezza rigward l-ammont tal-aġġustamenti ma kienet teżisti qabel din l-istituzzjoni eżerċitat il-kompetenzi tagħha); de Szy-Tarisse u Feyaerts vs Il-Kummissjoni (314/86 u 315/86, EU:C:1988:471, punt 33; talba għal interessi moratorji fuq salarji addizjonali miksuba wara deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata skont sentenza li tannulla d-deċiżjoni li taħtar rikorrenti bħala uffiċjali bi prova sa fejn hija kienet tirrigwarda klassifikazzjoni fi grad u fi skala; il-Qorti tqis li l-interessi dovuti għandhom jiddekorru mhux mill-ilmenti skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal iżda mid-deċiżjoni li tirrigwarda klassifikazzjoni ġdida, li għamlet id-dejn ċert) u Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et* (EU:C:1994:211, punt 53). Ara, f'dan l-istess sens, is-sentenzi Herkenrath *et* vs Il-Kummissjoni (T-16/89, EU:T:1992:24, punt 31); Weir vs Il-Kummissjoni (T-361/94, EU:T:1996:37, punt 52; il-Qorti Ġenerali żżied kundizzjoni addizzjonali għall-għoti ta' interessi moratorji billi tispeċifika li dawn l-interessi huma dovuti biss meta d-dejn prinċipali jkun ċert jew determinabbli u li l-ħlas tad-dannu "sussegwentement iddewwem indebitament mill-amministrazzjoni"); Pfloeschner vs Il-Kummissjoni (T-285/94, EU:T:1995:214, punti 55 u 56; talba għal annullament ta' rendikont ta' pensjoni ta' anzjanità li tiffissa għal 100 l-koeffiċjent korrettur applikabbli għall-pensjoni dovuta lil pensjonant li jirrisjedi fl-Isvizzera; wara li annullat ir-rendikot ta' pensjoni ta' Diċembru 1993 u kkonstatat li, minn dan ix-xahar, id-dejn kien dovut u ċert rigward l-ammont tiegħu, peress li kien jeżisti koeffiċjent korrettur għall-Isvizzera, li kien jeċċedi 100, il-Qorti Ġenerali ffissat il-bidu tad-dekorrenza tal-interessi moratorji fuq l-arretrati dovuti mill-dati differenti li fihom kull ħlas, skont l-iskema ta' pensjoni, kellu jsir); Hivonnet vs Il-Kunsill (T-188/03, EU:T:2004:194, punt 45); Camar vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (EU:T:2005:283, punti 135 u 144 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata) u Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (EU:T:2007:212, punt 344) kif ukoll id-digriet Marcuccio vs Il-Kummissjoni (T-176/04 DEP II, EU:T:2011:616, punt 36). Ara, ukoll, id-digriet Michel vs Il-Kummissjoni (F-44/13, EU:F:2014:40, punt 82). Ara, fl-aħħar nett, is-sentenza AA vs Il-Kummissjoni (F-101/09, EU:F:2011:133, punt 109), li fiha huwa ddikjarat li "l-obbligu li jitħallsu l-interessi moratorji jista' jitqies biss fl-ipoteżi meta d-dejn prinċipali *mhux biss* huwa ċertirigward l-ammont tiegħu, *iżda wkoll* determinabbli fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi". Din id-dikjarazzjoni ma tonqosx milli tissorprendi, peress li l-kundizzjoni dwar in-natura determinata jew determinabbli tal-ammont tad-dejn hija alternattiva u mhux kumulattiva.

38 — Ara s-sentenzi Roumengous Carpentier vs Il-Kummissjoni (158/79, EU:C:1985:2, punt 11); Battaglia vs Il-Kummissjoni (737/79, EU:C:1985:4, punt 10); Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-104/89 u C-37/90, EU:C:1992:217, punt 35; il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-interessi moratorji għandhom jiddekorru mis-sentenza interlokutorja tagħha li, għalkemm ma tiffissax il-kompożizzjoni eżatta tad-dannu, tiddetermina l-elementi neċessarji għall-kalkolu tiegħu) kif ukoll is-sentenzi Camar vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (EU:T:2005:283, punti 135 u 144) u Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (EU:T:2007:212, punt 343).

39 — Ara s-sentenza Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (EU:C:1992:217, punt 35) u Camar vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (EU:T:2005:283, punt 144).

40 — Ara s-sentenzi Camar vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (EU:T:2005:283, punt 144 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (EU:T:2007:212, punt 344).

41 — Ara, għal analiżi dettaljata tal-ġurisprudenza f'dan il-qasam, Van Casteren, A., "Artikolu 215(2) KE u l-kwistjoni ta' interessi", *The action for damages in Community law*, Kluwer Law International, Heukels, T. u McDonnell, A., La Haye, 1997, p. 211.

tas-servizz pubbliku, l-interessi moratorji fuq is-somom dovuti skont ir-Regolamenti tal-Persunal jiddekorru, bħala regola ġenerali, mid-data tal-ilment ippreżentat skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal jew mid-data li fiha dawn is-somom isiru pagabbli, jekk din id-data tkun wara l-ewwel waħda [42].

69. Rigward ir-rata ta' interessi moratorji, din hija ġeneralment iffissata, mingħajr ġustifikazzjoni partikolari, għal rata fissa li tikkorrispondi effettivament, fil-ġurisprudenza riċenti tal-Qorti Ġenerali, għar-rata applikabbli mill-BĊE għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, flimkien ma' żewġ punti [43].

70. Diversi avukati ġenerali, fosthom Mancini [44], Slynn [45], Van Gerven [46] u Tesauro [47], ipprovaw jidentifikaw linji gwida f'dan il-qasam. Huma ppreżentaw soluzzjonijiet opposti li jikkonsistu li tittieħed inkunsiderazzjoni jew rata fissa, iddeterminata mill-qorti skont "realtajiet finanzjarji attwali" [48], jew, bil-kontra, "ir-rata legali applikabbli, fil-mument li tingħata s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fl-Istat Membru li fih ir-rikorrenti jeżerċitaw l-attivitá tagħhom u li fih huma għaldaqsant normalment jużaw jew jinvestu s-somom dovuti lilhom" [49]. Mingħajr ma jkun neċessarju li tiġi eżaminata iktar din id-domanda, xorta għandu jiġi vverifikat jekk is-soluzzjonijiet li jien esponejt jistgħux japplikaw għall-interessi dovuti fuq id-dejn ta' ħlas lura.

2. L-interessi dovuti fuq id-dejn ta' ħlas lura

71. Il-ġurisprudenza f'dan il-qasam toriġina mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali Corus UK vs Il-Kummissjoni (EU:T:2001:249). Din id-deċiżjoni ngħatat f'tilwima li qamet wara sentenza li tnaqqas l-ammont ta' multa imposta mill-Kummissjoni fuq impriża għal ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni. Id-domanda magħmula kienet tirrigwarda l-ammont tal-interessi dovuti mill-Kummissjoni fuq is-somma li hija kienet irrimborsat, li kienet tikkorrispondi għad-differenza bejn l-ammont tal-multa mħallsa u dik iffissata mill-Qorti Ġenerali.

72. Li jaqgħu taħt il-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni annullata, il-Qorti Ġenerali qieset li l-obbligu li titħallas lura l-multa mħallsa kollha jew parti kien japplika mhux biss għall-ammont prinċipali tal-multa indebitament imħallsa, iżda wkoll għall-interessi moratorji prodotti minn dan l-ammont, peress li, kif hija spjegat, "l-għoti ta' interessi *moratorji* [50] fuq l-ammont indebitament imħallas jidher li huwa komponent indispensabbli tal-obbligu ta' restituzzjoni mill-ġdid fis-sitwazzjoni preċedenti tal-Kummissjoni wara sentenza ta' annullament jew ta' ġurisdizzjoni sħiħa, peress li l-ħlas lura komplet tal-multa indebitament imħallas ma tistax teskludi elementi, bħall-mogħdija taż-żmien, li jistgħu jnaqqsu, fil-fatt, il-valur" [51].

42 — Ara s-sentenzi Jacquemart vs Il-Kummissjoni (114/77, EU:C:1978:156, punt 26), Razzouk u Beydoun vs Il-Kummissjoni (75/82 u 117/82, EU:C:1984:116, punt 19), is-sentenza Roumengous Carpentier vs Il-Kummissjoni (EU:C:1985:2, punt 11), Amesz *et* vs Il-Kummissjoni (EU:C:1985:3, punt 14) u Battaglia vs Il-Kummissjoni (EU:C:1985:4, punt 10).

43 — Ara s-sentenzi ċċitati minn Van Casteren, A., "Artikolu 215(2) KE u l-kwistjoni ta' interessi" *The action for damages in Community law*, Kluwer Law International, Heukels, T. u McDonnell, A., La Haye, 1997, p. 203, li jenfasizza l-mod relattivament arbitrarju li bih il-qorti tal-Unjoni tagħżel ir-rata ta' interessi applikabbli.

44 — Ara l-punt 8 tal-konklużjonijiet Pauls Agriculture vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (256/81, EU:C:1983:91).

45 — Ara l-Ġabra p. 2819 u 2820 tal-konklużjonijiet Leussink vs Il-Kummissjoni (169/83 u 136/84, EU:C:1986:265).

46 — Ara l-punt 51 tal-konklużjonijiet Mulder et vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-104/89 u C-37/90, EU:C:1992:34).

47 — Ara l-punt 26 tal-konklużjonijiet Grifoni vs Il-Kummissjoni (C-308/87, EU:C:1993:362).

48 — Ara l-Ġabra p. 2819 u 2820 tal-konklużjonijiet Leussink vs Il-Kummissjoni (EU:C:1986:265).

49 — Ara l-punt 51 tal-konklużjonijiet Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (EU:C:1992:34).

50 — Korsiv miżjud minni.

51 — Punt 54.

73. Il-Qorti Ġenerali żiedet li eżekuzzjoni korretta ta’ tali sentenza teżiġi għaldaqstant, li sabiex jerġa’ jitqiegħed b’mod komplet il-kreditur fis-sitwazzjoni li kieku kien ikun legalment fiha jekk l-att annullat ma kienx adottat, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li din ir-restituzzjoni mill-ġdid tas-sitwazzjoni saret biss wara tul ta’ żmien kemxejn twil, li matul huwa ma setax juża s-somom li huwa kien ħallas indebitament.

74. Rigward ir-rata tal-interess dovut, il-Qorti Ġenerali qieset, billi rreferiet għal prinċipju ġeneralment aċċettat fid-dritt intern tal-Istati Membri fil-qasam ta’ arrikkiment indebitu, li dan tal-aħħar kellu, fil-prinċipju, ikun ugwali għar-“rata tal-interess legali jew ġudizzjarju, mingħajr kapitalizzazzjoni”[52]. Madankollu, il-Qorti Ġenerali eskludiet din is-soluzzjoni sabiex tieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi partikolari tal-każ, ikkaratterizzati mill-fatt li s-somma li għandha titħallas lura kienet ġiet investita mill-Kummissjoni u kienet ipproduċiet interessi kkapitalizzati[53]. Fl-aħħar nett, billi ħadet inkunsiderazzjoni kemm l-arrikkiment indebitu tal-Kummissjoni kif ukoll it-telf tal-impriża rikorrenti, il-Qorti Ġenerali allokat għaldaqstant lil din tal-aħħar somma korrispondenti għad-dħul miġbur mill-Kummissjoni, flimkien, barra minn hekk, bl-interessi moratorji.

75. Sussegwentement, is-soluzzjoni li tirrikonoxxi dritt għal interessi moratorji matul il-perijodu kollha ta’ indisponibbiltà tas-somom ġiet irrepetuta diversi drabi[54].

### 3. It-tagħlim li jirriżulta mill-ġurisprudenza

76. Għalkemm jibqa’ inċertezzi rigward l-istrumenti disponibbli għad-dritt tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-effetti taż-żmien fuq id-dejn, jien ser nislet mill-ġurisprudenza mfakkra iktar ’il fuq żewġ tagħlimiet li ser ikunu utli sabiex nirrispondi għall-aggravji.

77. L-ewwel tirrigwarda d-distinzjoni bejn l-interessi kumpensatorji u l-interessi moratorji. Il-ġurisprudenza tagħmel, mingħajr kontestazzjoni, distinzjoni ċara ħafna bejn l-interessi kumpensatorji u l-interessi moratorji, mingħajr madankollu ma tispjega l-kriterji li fuqhom din id-distinzjoni titwettaq. Madankollu, din id-distinzjoni ma hijiex evidenti fiha nfisha, peress li, funzjonalment, l-interessi jidhru li dejjem ikollhom l-istess rwol, li jikkonsisti li jikkumpensaw it-telf subit mill-kreditur li kien imċaħħad milli jgawdu mid-dejn tiegħu. Jien naf, madankollu, li l-interessi kumpensatorji jikkostitwixxu kumpens addizzjonali fil-qasam tad-danni, sa fejn jikkumpensaw il-mogħdija taż-żmien sal-evalwazzjoni ġudizzjarja tal-ammont tad-dannu, irrispettivament minn kull dewmien imputabbli lid-debitur, filwaqt li l-interessi moratorji jikkumpensaw b’rata fissa l-konsegwenzi tad-dewmien fil-ħlas tad-dejn ta’ somma ta’ flus billi tippermetti lill-kreditur li jirċievi approssimativament dak li kien jirċievi jekk huwa kien investa l-fondi. Minn dan isegwi, fil-fehma tiegħi, li d-distinzjoni għandha neċessarjament ikollha kamp ta’ applikazzjoni limitat u jkun riżervat għall-kawżi għal kumpens, li fih huwa ġġustifikat min-neċessità għal intervent mill-qorti sabiex tiffissa l-ammont tad-dejn prinċipali li ser jipproduċi interessi.

78. It-tieni jirrigwarda l-bażi tad-dritt għall-interessi moratorji wara deċiżjoni ta’ annullament mogħtija mill-qorti tal-Unjoni. Il-ġurisprudenza stabbilit il-prinċipju li jipprovdi li dan id-dritt għandu l-bażi diretta tiegħu fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE u jirriżulta mill-obbligu għall-istituzzjoni konvenuta li tieħu miżuri neċessarji sabiex tirrevoka l-effetti tal-att annullat u tistabbilixxi mill-ġdid lill-persuni kkonċernati fis-sitwazzjoni fiha huma kienu jinsabu qabel dan l-att.

52 — Punt 60.

53 — Punti 62 u 63.

54 — Ara d-digriet Holcim (Franza) vs Il-Kummissjoni (T-86/03, EU:T:2005:157, punti 30 u 31) kif ukoll is-sentenzi Greencore Group vs Il-Kummissjoni [T-135/02, EU:T:2005:457, punt 55 (soluzzjoni impliċita)] u BPB vs Il-Kummissjoni (T-53/03, EU:T:2008:254, punti 487 u 488).

79. Minn din il-ġurisprudenza jien niddeduċi li t-tħassib prinċipali tal-qorti tal-għandu jkun, fil-każ ta' annullament, li tapplika l-iktar mod strett possibbli l-prinċipju ta' *restitutio in integrum* li jimplika ritorn *a statu quo ante*, billi jiġi żgurat li kull persuna hija stabbilita fis-sitwazzjoni inizjali tagħha, mingħajr telf jew benefiċċju.

80. Issa għandu jiġi vverifikat jekk is-sentenza appellata hijiex konformi ma' dan ir-rekwiżiti u mal-prinċipji mfakkra iktar 'il fuq.

4. Ir-risposti għall-aggravji

81. Is-sitt aggravji esposti iktar 'il fuq jibbażaw fuq erba' serje ta' kritiki. L-ewwel tirrigwarda l-bażi tad-dritt ta' dejn ta' IPK, it-tieni tikkonċerna d-distinzjoni bejn l-interessi kumpensatorji u l-interessi moratorji, it-tielet tirrigwarda l-motivazzjoni tas-sentenza u r-raba' tirrigwarda l-kalkolu tal-interessi.

a) Fuq l-ilment dwar il-bażi tad-dritt ta' dejn ta' IPK

82. Fil-punti 34 u 41 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li d-deċiżjoni kkontestata kienet tikkostitwixxi l-uniku bażi legali tad-dejn prinċipali inkwistjoni.

83. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE, li jipprovdi li "[j]ekk l-azzjoni tkun fondata, il-Qorti tal-Ġustizzja [...] tiddikjara d-deċiżjoni in kwistjoni bħala nulla" jirriżulta li l-annullament ta' att mill-qorti tal-Unjoni jwassal għat-tneħħija tiegħu mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Skont il-formula li tirriżulta minn ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali, din it-tneħħija hija "s-sustanza stess" tal-annullament [55]. Skont ir-regola ġenerali tal-effett *ex tunc* tal-annullament, l-effetti tal-att huma, fil-prinċipju, retroattivament revokati sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma tindikax, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE liema minn dawn l-effetti tal-att annullat għandhom jitqiesu bħala definittivi.

84. Kif tirrileva ġustament il-Kummissjoni, minħabba l-effett retroattiv tiegħu, l-annullament mill-Qorti Ġenerali tad-deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2005 qajmet mill-ġdid id-deċiżjoni għal għoti tal-għajnuna finanzjarja u tqiegħed il-partijiet fis-sitwazzjoni li fiha kienu jinsabu fil-mument ta' din id-deċiżjoni.

85. Kuntrarjament għal dak li qieset il-Qorti Ġenerali fil-punt 34 tas-sentenza appella, il-fatt li l-motivazzjoni ta' dan l-annullament kienet in-nuqqas ta' osservanza, mill-Kummissjoni, tat-terminu ta' preskrizzjoni rilevanti ma għandux l-effett li jillimita l-portata materjali tal-annullament deċiż b'dan il-mod, li jpproduċa l-effetti retroattiv tiegħu. Għaldaqstant, billi ppreżentat id-deċiżjoni inkwistjoni bħala l-uniku bażi tad-dejn ta' IPK, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

86. Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, l-ilmenti mressqa kontra motivi superfluwi u motivi li ma humiex il-bażi meħtieġa għad-dispożittiv ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u għalhekk huma ineffettivi [56].

55 — Ara, f'dan is-sens, id-digrieti SIR vs Il-Kunsill (T-142/11, EU:T:2011:333, punt 22); Petroci vs Il-Kunsill (T-160/11, EU:T:2011:334, punt 19); Afriqiyah Airways vs Il-Kunsill (T-436/11, EU:T:2012:10, punt 15); Ayadi vs Il-Kummissjoni (T-527/09, EU:T:2012:35, punt 30); u Rautenbach vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-222/11, EU:T:2012:409, punt15).

56 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Ryanair vs Il-Kummissjoni (C-287/12 P, EU:C:2013:395, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll Dow Chemical vs Il-Kummissjoni (C-179/12 P, EU:C:2013:605, punti 63 u 76).

87. F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punt 34 tas-sentenza tagħha, li tikkostitwixxi esklużivament risposta għall-motivi li jirrigwarda l-*mala fide*, għandha natura superfluwa fir-rigward ta' dik esposta fil-punt 33. Rigward ir-riferiment għall-bażi legali tad-dejn prinċipali inkwistjoni, li jinsab fil-punt 41 tas-sentenza appellata, jirriżulta li ma huwiex il-bażi meħtieġa tad-dispożittiv tas-sentenza appellata li tiffissa l-bidu tad-dekorrenza tal-interessi moratorji mill-15 ta' April 2011.

88. Konsegwentement, dan l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

b) Fuq l-ilment li jirrigwarda d-distinzjoni bejn l-interessi kumpensatorji u l-interessi moratorji

89. Permezz tat-tieni aggravju, il-Kummissjoni ssostni li s-sentenza appellata ma tistabbilixxi ebda distinzjoni bejn l-interessi kumpensatorji u l-interessi moratorji, minkejja li dawn iż-żewġ kategoriji ta' interessi huma, skont il-Kummissjoni, ta' natura differenti ħafna.

90. Dan l-ilment ma jidhirlix li huwa fondat u, li barra minn hekk, jien inqis li l-kritika opposta kellha tiġi indirizzat lis-sentenza appellata, billi ddistingwiet iż-żewġ kategoriji ta' interessi, peress li, fil-fehma tiegħi, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkwalifikat bħala "kumpensatorji" l-interessi dovuti qabel is-sentenza tal-15 ta' April 2011.

91. Fil-fatt, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, permezz tas-sentenza tal-15 ta' April 2011, l-annullament tad-deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2005 stabbilit mill-ġdid id-deċiżjoni għal għoti tal-għajnuna finanzjarja u qiegħdet mill-ġdid il-partijiet fis-sitwazzjoni li fiha kienu jinsabu fil-mument ta' din id-deċiżjoni.

92. Permezz tal-effett *ex tunc* tal-annullament, il-Kummissjoni kienet għaldaqstant meħtieġa tħallas dejn prinċipali li kien ċert, determinat u dovut kompost minn somom li għandhom jitħallsu jew li għandhom jitħallsu lura lil IPK. Id-dejn ta' IPK kien għaldaqstant jipproduċi interessi moratorji li kienu jiddekorru, għas-somma li għandha titħallas, mill-ilment imwettaq minn IPK, u għas-somma li għandha titħallas lura, mill-ħlas tagħha minn IPK lill-Kummissjoni.

93. F'dan ir-rigward, jien inqis li għalkemm, fil-każ ta' annullament ta' deċiżjoni li tneħħi għajnuna finanzjarja, il-ħlas ta' interessi moratorji ma hijiex xejn iktar ħlief miżura li tikkonforma mal-eżekuzzjoni tas-sentenza ta' annullament, fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, barra minn hekk l-għoti ta' interessi kumpensatorji jaqa' barra il-kuntest ġuridiku tal-miżura ta' eżekuzzjoni u taqa' taħt il-kamp tal-applikazzjoni tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, li tirreferi għad-dritt komuni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Filwaqt li l-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet irrikonoxxiet li hija debitriċi ta' dejn prinċipali u ta' interessi kumpensatorji, flimkien ma' interessi moratorji mill-15 ta' April 2011, mis-sentenza appellata ma jirriżultax li, permezz tad-deċiżjoni inkwistjoni, din l-istituzzjoni kienet irrikonoxxiet ir-responsabbiltà tagħha u rrikonoxxiet id-dritt għal kumpens lil IPK.

94. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jien inqis li l-uniku lment li jista' jsir lill-Qorti Ġenerali huwa li ma tatx lura l-interessi dovuti qabel is-sentenza tal-15 ta' April 2011 il-kwalifika vera tagħhom, mingħajr ma waqfet fuq l-isem użat mill-Kummissjoni. Konsegwentement, l-ilment ibbażat fuq l-assenza ta' distinzjoni bejn l-interessi kumpensatorji u l-interessi moratorji għandu jiġi miċħud.

c) Fuq l-ilment ibbażat fuq insuffiċjenza u fuq kontradizzjoni ta' motivi

95. Permezz tat-tielet aggravju, il-Kummissjoni ssostni li s-soluzzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali rigward iż-żieda fissa tar-rata ta' interessi kumpensatorji u tal-bidu tad-dekorrenza tal-interessi moratorji hija insuffiċjentement immotivata.

96. Ir-risposta għal dan l-aggravju jista' jagħti lok għal inċertezza.

97. Il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-kontenut u tal-preċiżjoni tal-argumenti invokati quddiemha mill-partijiet. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni kienet sostniet, fir-risposta quddiem il-Qorti Ġenerali, li ż-żieda tar-rata ta' finanzjament mill-ġdid prinċipali b'żewġ punti ma kinitx iġġustifikata sa fejn kienet kuntrarja għall-ġurisprudenza, kienet wasslet għal arrikkiment indebitu ta' kreditur in *mala fide* u kienet, konsegwentement kuntrarja għall-prinċipji ta' ġustizzja u ta' ekwità.

98. Madankollu, kif jirriżulta mill-punti 34, 36, 37 u 38 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat li din iż-żieda kienet konformi mal-ġurisprudenza ta' din il-qorti, li ma kellhiex tiddependi fuq ir-rata' ta' inflazzjoni reali u li kienet rriżultat mill-ħtieġa li jiġi evitat arrikkiment indebitu kuntrarju għall-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

99. Din il-motivazzjoni tirrispondi għaldaqstant punt b'punt għall-oġġezzjonijiet tal-Kummissjoni, b'tali mod li jien inklinat li tipproponi li l-aggravju jiġi miċħud.

100. Jista' jkun hemm, madankollu, xi riluttanzi li jiġi rikonoxxut li r-rekwiżit ta' motivazzjoni huwa ssodisfatt minn motivazzjoni li tirreferi għal waħda jew iktar deċiżjonijiet preċedenti li huma stess ma għandhomx motivazzjoni. Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li s-sentenzi li tirreferi għalihom il-Qorti Ġenerali ma jinkludux spjegazzjoni speċifika għaliex ir-rata ta' interessi moratorji kienet ġiet iffissata għar-rata ta' interessi tal-BĊE għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, flimkien ma' żewġ punti.

101. Fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeduċi insuffiċjenza ta' motivazzjoni, jien inkun għalhekk inklinat li nipproponilha li tissostitwixxi l-motivi sabiex tiċħad l-aggravju.

102. Fil-fehma tiegħi, il-loġika ta' rata fissa għall-interessi moratorji timplika l-iffissar ta' rata ta' interessi unika. L-għażla tal-Qorti Ġenerali rigward l-iffissar ta' din ir-rata tista' tiġi mmotivata u approvata inkwantu tidher li tirrifletti r-rata medja tal-interessi moratorji legali jew ġudizzjarji applikabbli fl-Istati Membri. Jien nistaqsi, madankollu, jekk, fil-futur, ikunx iktar konformi mal-ekwità u mar-rekwiżiti ta' ċertezza legali li tiġi alinjata r-rata ta' interessi moratorji li jkunu jiddekorru fuq id-djun dovuti mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma' dik tal-interessi moratorji fuq id-djun li dawn tal-aħħar huma kredituri vis-à-vis kwalunkwe persuna, li tikkorrispondi, mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 2342/2002, għar-rata applikata mill-BĊE għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid flimkien ma' 3.5 punti ta' perċentwali.

103. Fi kwalunkwe każ, l-ilment li jirrigwarda l-motivazzjoni tas-sentenza appellata jidhirli li għandu jiġi miċħud.

d) Fuq il-kalkolu li jirrigwarda l-kalkolu ta' interessi

i) Il-kalkolu ta' interessi dovuti wara li l-għoti tas-sentenza tal-15 ta' April 2011

104. L-ilment li jirrigwarda l-interessi moratorji dovuti wara l-15 ta' April 2011 tqajjem fil-kuntest tat-tielet aggravju, li jikkritika kemm il-prinċipju stess tad-dritt għal dawn l-interessi u l-bidu tad-dekorrenza tagħhom.

105. Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell hija limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li ngħatat għall-motivi diskussi quddiem il-qorti tal-ewwel istanza, b'tali mod li motiv ippreżentat għall-ewwel darba f'dan il-kuntest għandu jitqies bħala inammissibbli [57].

57 — *Ibidem* (punt 82).

106. F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma tikkontestax quddiem il-Qorti Ġenerali d-dritt ta' IPK li tikseb interessi moratorji u li hija rrikonoxxiet ukoll waqt is-seduta li hija debitriċi ta' tali interessi mill-għoti tas-sentenza tal-15 ta' April 2011.

107. L-ilmenti li jirrigwardaw l-assenza ta' bażi legali tal-obbligu għal ħlas ta' interessi moratorji u l-iżball ta' liġi li twettaq fir-rigward tal-iffissar tal-bidu tad-dekorrenza ta' dawn l-interessi huma għaldaqstant ġodda u, għaldaqstant, inammissibbli.

ii) Il-kalkolu ta' interessi li ddekorrew qabel ma ngħatat is-sentenza tal-15 ta' April 2011

108. Dan l-ilment huwa żviluppat, minn perspettivi differenti, fl-ewwel u l-ħames aggravji. Il-Kummissjoni ssostni li meta ffissat rata fissa għall-interessi kumpensatorji b'rata ugwali għar-rata ta' interessi tal-BĊE għall-operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, flimkien ma' żewġ punti, il-Qorti Ġenerali naqset, minn naħa, milli tieħu inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali li tipprovdi li dawn l-interessi jservu sabiex jikkumpensaw l-inflazzjoni u, min-naħa l-oħra, kisret il-prinċipji applikabbli fil-qasam tal-arrikkiment indebitu.

109. Għar-raġunijiet li diġà żviluppajt preċedentement, jien inqis li l-interessi li ddekorrew qabel is-sentenza tal-15 ta' April 2011 kienu ġew ikkwalifikati ħażin bħala kumpensatorji meta kienu interessi moratorji.

110. L-ilment ibbażat fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li l-interessi kumpensatorji jservu sabiex jikkumpensaw l-inflazzjoni huwa, għaldaqstant, ineffettiv.

111. L-ilment ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ġenerali li jipprojbixxi l-arrikkiment indebitu ma jidhirlix li huwa fondat.

112. Minn naħa, kif diġà enfasizzajt preċedentement, jien inqis li d-dritt li jinkisbu interessi moratorji jirriżulta direttament mill-obbligu li jitqiegħed ir-rikorrent fis-sitwazzjoni li kien fiha qabel li jirriżulta mill-annullament u ma għandux il-bażi tiegħu fl-arrikkiment indebitu.

113. Min-naħa l-oħra, jekk jiġi preżunt li l-prinċipju tal-projbizzjoni tal-arrikkiment indebitu jista' jimmodera l-awtomatiċità tad-dritt għall-interessi moratorji, jien naħseb li l-Kummissjoni ma turix li r-rati ta' interessi adottati mill-Qorti Ġenerali jeċċedu t-telf effettiv ta' IPK u l-arrikkiment indebitu ta' din l-istituzzjoni. Kif iddikjarajt, l-interessi dovuti mill-Kummissjoni huma neċessarjament moratorji u ma jikkumpensawx it-telf tad-dejn dovut minħabba l-inflazzjoni, iżda jikkumpensa b'rata fiss għat-telf mill-użu ta' dan id-dejn. Lanqas ma nara għaliex għandha tittieħed inkunsiderazzjoni r-rata ta' interessi applikata fuq il-multi miġbura provviżorjament.

114. Jien nipproponi, konsegwentement, li dan l-ilment jiġi miċħud.

iii) Fuq l-ilment li jikkonċerna l-kapitalizzazzjoni ta' interessi

115. Permezz ta' dan l-ilment, żviluppat fit-tielet aggravju, il-Kummissjoni tallega li s-sentenza appellata kkapitalizzat l-interessi billi ffissat l-interessi moratorji li ddekorrew mill-ħlas komplet fuq il-bażi tal-ammont prinċipali tad-dejn flimkien ma' interessi kumpensatorji li ddekorrew qabel.

116. Kif diġà ddikjarajt, jien inqis li l-interessi dovuti mill-Kummissjoni jippreżentaw natura moratorja, kemm jekk wara jew qabel is-sentenza tal-15 ta' April 2011.

117. Dawn l-interessi ma jikkostitwixxux għaldaqstant dannu addizzjonali flimkien mad-dejn prinċipali u jipproduċi huwa stess interessi. Il-kapitalizzazzjoni ta' interessi li ddekorrew qabel il-15 ta' April 2011 deċiża mill-Qorti Ġenerali fid-dawl tan-natura tagħhom allegatament kumpensatorja jidhirli għaldaqstant li tirriżulta minn żball ta' liġi.

118. Madankollu, jeħtieġ li jiġi mistoqsi jekk l-interessi moratorji jistgħux jiġi kkapitalizzati. F'dan ir-rigward, jien għandi dubji rigward il-fondatezza tad-dikjarazzjoni li tipprovdi li l-kapitalizzazzjoni tal-interessi moratorji ma tistax, fil-prinċipju, tiġi awtorizzata [58]. Skont il-prinċipji ġenerali komuni għad-drittijiet tal-Istati Membri, il-parti l-kbira tas-sistemi jaċċettaw, minkejja skont modalitajiet diversi ħafna, il-kapitalizzazzjoni ta' interessi, bil-kundizzjoni li din intalbet [59].

119. Jien nistaqsi jekk il-qorti tal-Unjoni għandhiex ikollha marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward u tkun awtorizzata li tiddeċiedi fuq il-kapitalizzazzjoni ta' interessi moratorji meta din tidhrilha konformi mal-prinċipju ta' ekwità.

120. Madankollu, f'dan il-każ, ma nistax insib ebda ċirkustanza speċifika li tiġġustifika li l-kapitalizzazzjoni tal-interessi tingħata lil IPK.

121. Għaldaqstant l-ilment jidhirli li huwa fondat.

122. Skont l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, "[j]ekk appell ikun fondat sewwa, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali" u tista' "jew hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza biex din tiddeċidiha".

123. F'dan il-każ il-Qorti tal-Ġustizzja tista' faċilment tiddeċiedi definittivament il-kawża billi tiddeċiedi li l-interessi moratorji għandhom jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-ammont prinċipali tad-dejn biss.

## IV – **Fuq l-ispejjeż**

124. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 184 tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Madankollu, skont l-Artikolu 138(3), jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew iktar tat-talbiet tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

125. F'dan il-każ partikolari, minħabba l-fatt li t-tnejn huma telliefa, nikkunsidra li huwa xieraq li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha f'dan l-appell.

## V – **Konklużjoni**

126. Fid-dawl ta' dak li ddikjarajt nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

1) li tannulla s-sentenza IPK International vs Il-Kummissjoni (T-671/11, EU:T:2013:162), iżda biss sa fejn tordna li jiġu ffissati l-interessi moratorji li ddekorrew sal-ħlas komplet fuq il-bażi tal-ammont prinċipali tad-dejn flimkien mal-interessi li ddekorrew qabel;

58 — Ara l-punt 42 tas-sentenza appellata.

59 — Ara Il-Kummissjoni dwar id-dritt Ewropew tal-Kuntratti, "Kapitalizzazzjoni tal-interessi", *Prinċipji tad-dritt Ewropew tal-Kuntratti*, Vol. n° 2, Société de législation comparée, Pariġi, 2003, p. 583 sa 587.

2) li tiffissa l-interessi moratorji li ddekorrew sal-ħlas komplet fuq il-bażi tal-ammont prinċipali tad-dejn;

3) li tiċħad il-kumplament tal-appell;

4) li tikkundanna lil kull parti għall-ispejjeż rispettivi tagħha.